# Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-Junior Lyceum
# 2004

# STUDJI SOĊJALI

---

**L-istudenti huma mħeġġa li jiktbu Malti tajjeb.**

**A. AGĦMEL SING TAĦT IT-TWEĠIBA T-TAJBA:**

1. Missier u omm jagħmlu parti mill- (knisja, familja, iskola).
2. Li tisma' u turi rispett lejn l-oħrajn hu wieħed mid-(dmirijiet, drittijiet, passatempi).
3. Ir-reliġjon hi marbuta mal-(kotba, logħob, kultura) f'kull soċjetà.
4. L-edukazzjoni ċivika tgħinna nsiru ċittadini (traskurati, għażżenin, responsabbli).
5. Fis-soċjetà ta' l-informatika ħafna xogħol li kien isir mill-ħaddiema qiegħed isir mill- (impjegati, imgħallem, kompjuter).
6. Xogħol fit-turiżmu u l-banek huwa xogħol ta' (tiswija, servizz, bini).
7. Jum l-Indipendenza u Jum il-Vitorja huma tnejn mill-festi (pubbliċi, nazzjonali, reliġjużi) Maltin.
8. Il-Prim Ministru u l-Ministri tal-Gvern, flimkien, jissejħu (Kabinett, Parlament, Oppożizzjoni).

(marka 1 x 8 = 8 marki)

**B. IKTEB IL-KLIEM FIL-POST IL-VOJT:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għar Dalam | Żmien il-Pre-Istorja | Arkeoloġija | Menħir |
| Żmien il-Ħaġar | Ġgantija | Sqallija | Ipoġew |

1. L-ewwel nies li ġew Malta ma kinux jafu jiktbu u għalhekk iż-żmien tagħhom jissejjaħ hekk. ________________________

2. L-ewwel nies f'Malta kienu jużaw ħafna blat u ġebel, għalhekk dan iż-żmien jissejjaħ hekk ukoll. ________________________

3. L-ewwel nies f'Malta ġew minn din il-gżira. ________________________

4. F'dan l-għar kienu sabu fdalijiet fossilizzati ta' ljunfanti, ippopotami u annimali oħra. ________________________

5. Tempji kbar megalitiċi f'Għawdex. ________________________

6. Tempju ta' taħt l-art f'Ħal Saflieni. ________________________

7. L-istudju li jsir meta tħaffer għal oġġetti antiki midfuna. ________________________

8. Ġebla kbira wieqfa ta' Żmien il-Bronż. ________________________

(marka 1 x 8 = 8 marki)




Ċ.

a. **Ħares lejn il-Mappa ta' Malta u Għawdex.**
**Ħames tikek suwed juru ħames postijiet differenti.**
**Aqta' min huma.**

Il-belt kapitali ta' Malta. _______________

Il-belt ewlenija tal-gżira ta' Għawdex. _______________

Port f'Malta li fih ħafna dgħajjes tas-sajd. _______________

Il-vapur jitlaq lejn Għawdex minn hawn. _______________

Meta l-vapur jasal Ghawdex jidħol f'dan il-port. _______________

(marka 1 x 5 = 5 marki)

b. **Ikteb l-isem tal-ĦAMES postijiet fuq il-mappa tal-Gżejjer Maltin.**

(marka 1 x 5 = 5 marki)

## D. AQRA L-ISTORJA.
## WIEĠEB IL-MISTOQSIJIET.

Alex qiegħed fis-sitt sena ta' l-iskola primarja. Iħobb ħafna l-isports. Ma jitlifx okkażjoni waħda ta' logħob fl-iskola, jew mal-ħbieb wara l-iskola. Ommu tifhimha mod ieħor. Taħseb li bl-isports Alex se jibqa' lura fl-iskola u ma jgħaddix mill-eżamijiet. L-iskola, iżda, dejjem jitgħallem li l-isports hu parti mill-edukazzjoni tal-bniedem. Mill-isports nitgħallmu naħdmu f'tim, nagħmlu ħbieb ġodda, nibnu relazzjoni ma' l-oħrajn, nitgħallmu kif nuru l-ferħ tagħna meta nirbħu u nitgħallmu naċċettaw meta nitilfu. Waqt l-isports, l-għalliema dejjem ifakkru lit-tfal tal-klassi biex jieħdu ħsieb saħħithom u ma jweġġgħux: ma jiġrux bl-addoċċ, ma jimbuttawx, ma jiġġildux. Alex, bħal sħabu tal-klassi, jifhem li l-isports jgħin ħafna l-edukazzjoni tagħna u sikwit ifiehem dan lil ommu. Biż-żmien, omm Alex qiegħda tifhem dan ukoll, u m'għadhiex tgergirlu bħal qabel.

1. Alex kif juri li jħobb l-isports?

_______________________________________________ (marka 1)

2. Semmi eżempju ta' sports li tagħmel fl-iskola.

_______________________________________________ (marka 1)

3. Mill-istorja sib **ŻEWĠ** raġunijiet li minħabba fihom l-isports jeduka l-bniedem.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

4. L-isports u saħħitna huma marbutin flimkien. Għaliex taħseb li hu hekk?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

5. Ikteb sentenza biex turi li fl-isports hemm sens ta' ftehim u koperazzjoni.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

(8 marki b'kollox)

## E. WIEĠEB IL-MISTOQSIJIET:

1. Għaliex ferħu l-Maltin fit-8 ta' Settembru 1565?

______________________________________________

______________________________________________

2. Għaliex il-Maltin irvellaw kontra l-Ingliżi fis-7 ta' Ġunju 1919?

______________________________________________

______________________________________________

3. Lil min nagħtu ġieħ fit-tifkira tas-7 ta' Ġunju 1919?

______________________________________________

______________________________________________

4. Xi tfisser l-Indipendenza ta' l-1964?

______________________________________________

______________________________________________

5. Lil min kien jirrappreżenta l-Gvernatur Ġenerali?

______________________________________________

______________________________________________

6. X'ifisser li Malta saret Repubblika fit-13 ta' Diċembru 1974?

______________________________________________

______________________________________________

7. Xi tfisser li Malta, fil-passat, fi żmien l-Ingliżi, kellha ekonomija ta' fortizza?

______________________________________________

______________________________________________

8. Għaliex il-31 ta' Marzu 1979 huwa jum importanti għal Malta?

______________________________________________

______________________________________________

(marka 1 x 8 = 8 marki)

**F. Kull ħaddiem għandu t-tbatija tiegħu.
Semmi diffikultà waħda differenti għal kull ħaddiem imsemmi hawn taħt waqt li jkun qed jaħdem.**

1. Bidwi ______________________
2. Raħħal ______________________
3. Ħaddiem ġo fabbrika ______________________
4. Sewwieq tal-*container* ______________________
5. Bejjiegħ tal-ħaxix ______________________
6. Ħaddiem ġo barriera ______________________
7. Bennej ______________________
8. Xufier tal-karozza tal-linja ______________________

(marka 1 x 8 = 8 marki)

**Ġ. SEMMI FEJN.
IKTEB SENTENZA OĦRA DWAR IL-POST.**

1. **Inkomplu nitgħallmu meta nagħlqu 11-il sena**:

   Fejn? ______________ Sentenza ______________________

   ______________________________________ (2 marki)

2. **Jibnu u jsewwu l-vapuri**:

   Fejn? ______________ Sentenza ______________________

   ______________________________________ (2 marki)

3. **Meta jispiċċaw weħedhom, l-anzjani jsibu kenn fejn joqogħdu u nies oħra li jduru bihom**:

   Fejn? ______________ Sentenza ______________________

   ______________________________________ (2 marki)

4. **Ir-rappreżentanti tal-poplu eletti f'elezzjoni jagħmlu l-liġijiet**:

   Fejn? ______________ Sentenza ______________________

   ______________________________________ (2 marki)

5. **Id-drittijiet taċ-ċittadini jiġu mħarsa bil-liġi**:

   Fejn? ______________ Sentenza ______________________

   ______________________________________ (2 marki)

(2 marki x 5 =10 marki)

**G. Ħares lejn STAMPA <u>A</u> u STAMPA <u>B</u>.**
**Qabbel l-istampa mat-tagħrif.**
**Ikteb it-tweġiba fuq stampa A taħt kolonna A.**
**Ikteb it-tweġiba fuq stampa B taħt kolonna B.**



STAMPA A



STAMPA B

| | **TAGĦRIF** | **A** | **B** |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-Ġrajja | a. ____________ | b. ____________ |
| 2 | Il-ħbieb tal-Maltin | a. ____________ | b. ____________ |
| 3 | L-għedewwa tal-Maltin dak iż-żmien | a. ____________ | b. ____________ |
| 4 | Is-sena meta beda l-attakk fuq Malta | a. ____________ | b. ____________ |

(marka 1 x 8 = 8 marki)

**GĦ.** Mikiel u Doris ħadu sehem fi Kwiżż Ġeografiku dwar **il-pajjiżi tal-Mediterran** li huma mmarkati fuq il-mappa.

a. **Wieġeb il-mistoqsijiet li għamlu lilhom**.

1. Liema hu l-pajjiż li għandu l-kosta tiegħu fuq l-Oċejan Atlantiku? ___________________

2. Liema hu l-pajjiż Afrikan li hu l-aktar viċin ta' Malta? ___________________

3. Liema hu l-pajjiż Ewropew li hu l-aktar viċin ta' Malta? ___________________

4. Liema pajjiż fil-Mediterran imiss mal-Baħar l-Aħmar? ___________________

5. Liema pajjiż fil-Mediterran għandu l-akbar numru ta' gżejjer żgħar? ___________________

(marka 1 x 5 = 5 marki)



b. Ħares lejn il-Mappa tal-Mediterran.
Ħdejn it-tikek is-suwed ikteb l-isem tal-**BELT KAPITALI** tal-pajjiżi li semmejt fuq.

(marka 1 x 5 = 5 marki)

## H. AQRA DAWN IS-SITWAZZJONIJIET. WIEĠEB IL-MISTOQSIJIET:

1. Dan l-aħħar, in-nanna ta' Marija kisret sieqha u mhix toħroġ għall-knisja u biex tixtri. Omm Marija għandha bżonn toħroġ taħdem kuljum għax żewġha spiċċa mingħajr xogħol. Il-familja ta' Marija ma tistax iġġib in-nanna tgħix magħha, ukoll jekk tixtieq ħafna.
   **X'jista' jsir biex in-nanna ta' Marija jkollha l-għajnuna li għandha bżonn?**

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2 marki)

2. Ħafna mit-tfal fil-klassi ta' Mark huma ta' twemmin Kattoliku. Imma hemm ukoll tnejn mill-Pakistan li huma Ħindu u żewġ Palestinjani ta' reliġjon Islamika. It-tfal tal-klassi kollha jixtiequ li jibqgħu flimkien waqt il-lezzjoni tar-reliġjon.
   **X'tista' tagħmel l-għalliema biex tikkuntenta t-tfal tal-klassi?**

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2 marki)

3. Ibraħim ġej minn familja Torka. Ilhom żmien joqogħdu l-Ġermanja, imma dejjem bl-inkwiet. Missier Ibrahim, bħal ħafna Torok oħra fil-Ġermanja, qiegħed isib problema kbira: kull darba jmur ifittex ix-xogħol u jibqa' ma jsibx.
   **Xi problema għandha l-familja ta' Ibraħim biex tgħix fil-Ġermanja**?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2 marki)

4. F'Settembru li għadda l-iskola fejn imorru Yasmin u Toni fakkru l-Ġurnata Ewropea tal-Lingwi. Billi f'din l-iskola hemm numru ta' tfal barranin ta' ġenituri refuġjati u oħrajn li jaħdmu Malta, l-għalliema organizzaw 'festa' tal-qari'. It-tfal qraw poeżiji bit-Taljan, bir-Russu, bil-Ġermaniż, bl-Għarbi u bil-Malti.
   **X'tgħallmu t-tfal ta' din l-iskola b'din iċ-ċelebrazzjoni?**

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2 marki)

5. F'post f'Malta hemm għalqa abbandunata. X'uħud mir-residenti ħaduha drawwa li jarmu l-iskart fiha, flok jiġbruh ġo borża u jistennew ta' l-iskart jiġi. It-tfal u l-għalliema ta' l-iskola ta' John jixtiequ jwaqqfu din id-drawwa, u ddeċidew li jagħmlu xi ħaġa tajba biex jagħtu tagħlima lir-residenti.
   **X'jistgħu jagħmlu l-istudenti u l-għalliema ta' l-iskola ta' John?**

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2 marki)

(2 marki x 5 =10 marki)

**Ħ. a) ĦARES LEJN IL-MAPPA TAL-PORTIJIET TA' MALTA FL-1565.**




**<u>IKTEB</u>:**

1. **TLIET** raġunijiet għalfejn il-kavallieri għażlu l-Għolja ta' Xiberras biex fuqha jibnu l-Belt Valletta.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3 marki)

2. Żvantaġġ **WIEĦED** li kellha l-Belt Valletta.

______________________________________________ (marka 1)

3. Il-post f'Malta fejn kienu joqogħdu l-Kavallieri sakemm nbniet il-Belt Valletta.

______________________________________________ (marka 1)

4. Il-Forti ewlenija li kienet tiddefendi, mill-qrib ħafna, il-Birgu.

______________________________________________ (marka 1)

**b) ĦARES LEJN IL-MAPPA TAL-BELT VALLETTA.
WIEĠEB:**




5. Għalfejn il-perit Laparelli ppjana toroq dritti għall-Belt Valletta?

_______________________________________________ (marka 1)

6. Sib l-ittra A. X'kien dan il-bini u għaliex huwa famuż?

_______________________________________________ (marka 1)

7. Sib l-ittra B. Għaliex taħseb li bnew l-aktar swar b'saħħithom f'din in-naħa?

_______________________________________________ (marka 1)

**ċ) ĦARES LEJN IL-FAĊĊATA TAL-PALAZZ TAL-GRAN MASTRI FIL-BELT. WIEĠEB:**



8. Għaliex dan il-palazz ifakkarna fil-perit Ġlormu Cassar?

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka 1)

9. Semmi **ŻEWĠ** binjiet oħra li jfakkruna f'dan il-perit Malti.

_______________________________________________ (2 marki)

(12-il marka b'kollox)

---

**TMIEM IL-KARTA**